European Patients' Academy on Therapeutic Innovation

# Mediċini meħudin mill-pjanti

Mediċini magħmulin mill-pjanti u l-ħxejjex (*herbal medicines*) huma mediċini li jittieħdu mill-pjanti, jew minn partijiet minn pjanti li jkun maħsub li għandhom karatteristiċi ta' fejqan. Huma magħrufin ukoll bħala rimedji mill-pjanti, mediċini botaniċi, jew mediċini li jikkonsistu minn pjanti/ħaxix (*phytomedicines*).

Sustanzi meħudin mill-pjanti ilhom mijiet ta' snin iservu bħala l-bażi għal trattament mediku u għadhom jintużaw ħafna anke fis-seklu 21. Jistgħu jiġu meqjusa bħala l-ewwel mod bijoloġiku kif konna nħarsu lejn il-mediċina.

Mediċini bħal dawn jistgħu jiġu applikati għat-trattament ta' varjetà wiesgħa ta' mard, inklużi kundizzjonijiet akuti kif ukoll kroniċi. Terapiji bl-użu tal-pjanti ġeneralment jiġu kkunsidrati bħala mediċina alternattiva għax il-prattika tal-istudju u l-użu tal-pjanti fil-mediċini mhix ibbażata strettament fuq evidenza xjentifika. Din it-tip ta' mediċina primarjament tintuża bħala terapija kumplimentari.

Madanakollu, l-użu tal-mediċina mill-pjanti (*herbal medicine*) jista' jkollu effett fuq mediċini oħra u jista' jħalli wkoll effetti sekondarji (*side effects*). Pereżempju, l-*Echinacea purpurea* tista' tbiddel il-mod kif il-ġisem ikisser uħud mill-mediċini, u jekk tieħu l-*Echinacea purpurea* fl-istess ħin ma' mediċini oħra (inkluż għadd ta' antibijotiċi), dan jista' jżid l-effetti fuq il-ġisem, inkluż l-effetti sekondarji.

Parti kbira mill-popolazzjoni tad-dinja li qed tiżviluppa għadha tiddependi fuq ir-rimedji tradizzjonali mill-pjanti bħala s-sors primarju tal-kura tas-saħħa – bir-raġuni prinċipali għal dan hija n-nuqqas ta' infrastruttura meħtieġa biex tkun tista' tiġi offruta l-mediċina moderna.



**Mediċini mill-pjanti**
Mill-lemin għax-xellug: Echinicea purpurea, St. John’s wort, and Gingko bilboa.

L-ingredjenti għall-mediċini mill-pjanti jistgħu jiġu estratti mill-pjanti b’diversi metodi: bl-użu tal-alkoħol biex mill-pjanti tinħareġ essenza li hi magħrufa bħala tintura (sustanza medika maħlula fl-alkoħol), bl-użu tal-ħall biex jiġu prodotti essenzi ta’ aċidu aċetiku, billi tuża l-misħun (għal dawk li huma magħrufa bħala *tisanes*), billi tuża ilma jagħli fit-tul (l-aktar fil-każ ta’ għeruq jew qxur tas-siġar ibsin biex tiġi prodotta dik li tissejjaħ dekozzjoni – sustanza konċentrata li tirriżulta meta ssaħħan jew tgħalli sustanza, b’mod partikolari sustanza medika li tkun ġiet estratta minn pjanta), inkella billi trattab pjanta billi tħalliha mgħaddsa fl-ilma kiesaħ għal ħin twil (proċess magħruf bħala maċerazzjoni). Il-karatteristiċi tal-mediċini estratti mill-pjanti jafu jvarjaw minn grupp jew manifattur għal ieħor għax it-teknika tal-estrazzjoni li tintuża mhix waħda standard.

Fl-Unjoni Ewropea (UE), il-mediċini meħudin mill-pjanti huma regolati mid-Direttiva Ewropea dwar il-Prodotti Mediċinali Tradizzjonali mill-Pjanti (Direttiva Ewropea 2004/24/EC). Taħt din il-leġiżlazzjoni, kumpanija li timmanifattura din it-tip ta’ mediċina trid tipprova li l-prodott intuża għal mill-inqas 15-il sena fl-UE u għal 30 sena barra mill-UE, u l-awtorizzazzjoni ta’ dawn it-tip ta’ prodotti tkun ibbażata fuq sensiela ta’ kriterji uniċi ta’ eliġibilità. Ir-regolatur nazzjonali jkollu r-responsabilità li jissorvelja s-sigurtà ta’ dawn il-prodotti mediċinali u li joħroġ l-awtorizzazzjoni għall-bejgħ tagħhom.

## Referenzi f’dan l-artiklu


1. Benzie, I.F.F., & Wachtel-Galor, S. (2011). Il-Mediċina mill-pjanti: Introduzzjoni għall-istorja, l-użu, ir-regolamentazzjoni, ix-xejriet kurrenti u l-bżonnijiet tar-riċerka. F’*Herbal medicine: Bimolecular and clinical aspects* (it-2 edizz.). Boca Raton: CRC Press.